MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 631/2005

**Frank Borda Limited (C-446)**
**vs**
**Kruger Limited (C-10632)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici. Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520.00) bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Marzu, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------